



# Kwadru Tal-Assunta, Xogħol Francesco Zahra

**Is-Sur Mario Fenech**

Il-Knisja Arċipretali ta' Santa Katerina fiż-Żejtun hija waħda minn dawk il-knejjes kbar u sbieħ li għandna fil-Gżejjer Maltin li tiġbor fiha numru kbir ta' opri sagri fosthom kwadri ta' pitturi magħrufa.

Fuq l-altari tal-knisja tista' tgħid li hemm ġabra ta' xogħlijiet t'artisti magħrufa li jagħtuk x'tifhem li kull min għamel xi xogħol f'din il-knisja, għamel l-almu kollu tiegħu biex il-livell tax-xogħol ikun wieħed għoli. Ma' dawn il-kwadri hemm ukoll diversi sotto kwadri li jolqtu l-għajn, b'wieħed minn dawn ikun dak ta' Marija Assunta, xogħol tal-artist magħruf Malti Francesco Zahra.

Il-kwadru qiegħed fuq l-altar tal-kor taħt il-kwadru titulari li juri l-martirju ta' Santa Katerina. Qiegħed f'dan il-post importanti tal-knisja għaliex fir-raħal minn dejjem kien hemm devozzjoni kbira lejn Marija Assunta. Dan nafuh mill-fatt li żewġ knejjes antiki tar-raħal, dik magħrufa bħala "Ta' Bisqallin" u l-oħra ta' "Ħal Bisbut" kienu ddedikati lil Marija Assunta.

Barra minn hekk, ir-raħal ta' Ħal Għaxaq, li huwa taħt il-ħarsien ta' Marija Assunta qabel ma sar parroċċa kien jagħmel mal-parroċċa taż-Żejtun.
Il-kwadru tal-Assunta kien sar x'aktarx fis-sena 1730 ftit wara li Francesco Zahra kien pitter ukoll żewġ kwadri laterali tal-kor fis-sena 1728. Dawn kienu juru lil San Pietru u San Pawl. Hekk tixhed il-kitba li hemm fir-reġistru tal-ħlasijiet li kienu saru fi żmien il-Prokuratur Dun Lawrenz Mallia.

Ix-xbiha tal-Assunta f'dan il-kwadru timla parti kbira mit-tila. Mgħejjuna minn żewġ anġli, wieħed fuq kull naħa tagħha, lill-Madonna, l-artist pinġieha bl-ilbies ta' kulur ħamrani ċar u mant ikħal, qiegħda tiġi mwassla lejn is-sema. Fuq ras il-Madonna lill-kuruna sabiħa, li fl-opinjoni tiegħi tixbaħ ħafna lil kuruna li hemm fuq ras il-Madonna fil-kwadru titulari tar-Rotunda tal-Mosta. Din biex tfakkarna li Hi ssaltan fuq is-sema u fuq l-art.

Ix-xogħol huwa wieħed tajjeb ħafna, filwaqt li jrid jingħad li meta għamel dan il-kwadru, Francesco Zahra, li twieled l-Isla nhar il-15 ta' Diċembru 1710, kien għadu fl-ewwel snin tal-karriera artistika tiegħu. X'aktarx kien għad kellu madwar tmintax-il sena jew xi ftit aktar.

Għal din il-knisja ta' Santa Katerina taż-Żejtun, Francesco Zahra għamel ukoll numru ta' xogħlijiet oħrajn, fost dawn wieħed isemmi l-arzella ta' fuq l-altar tar-Rużarju fis-sena 1740, Santa Katerina quddiem l-Imperatur Massenzju u t-trasport ta' Santa Katerina fuq is-Sinai.



Fis-sagristija tal-knisja ta' Marija Assunta fil-Mosta hemm żewġ kwadri li x'aktarx huma ta' dan l-artist. Fihom jidhru San Kalċidonju u San Ġwann f'Patmos.

Artist li matul il-karriera tiegħu żejjen numru kbir t'altari u soqfa ta' knejjes b'xeni mill-isbaħ li jirriflettu kemm Francesco Zahra kien artist kbir.

Il-festa t-tajba l-kulħadd